**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 11 ta' Frar 2020

Rikors Numru: 474/19 AL

**AB**

Vs

**CD u b'digriet tas-16 ta' Jannar 2020 il-kunjom ġie korrett għal B**

**(K.I. 53991 M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-ikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Il-partijiet iżżewġu fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija tlieta u disgħin (1993) (Dok SS1).

2. Mill-istess unjoni twieldu uliedhom X u Y, li illum għandhom 25 u 22 sena rispettivament.

3. Il-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin sa' mit-28 ta' Ġunju tas-sena 2002 bis-saħħa tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili per l-Imħallef Noel V. Arrigo (Dok SS2).

4. Għalhekk il-partijiet ilhom aktar minn sbatax-il sena jgħixu ħajjithom indipendenti minn xulxin u ma hemm ebda prospett raġonevoli li jirrikonċiljaw.

5. Ma hemm l-ebda manteniment dovut a favur il-partijiet. It-tfal huma maġġorenni u jaħdmu bi qligħ.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex;

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet sabiex jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta' Novembru, 2019;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla jwieġeb li m'għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-28 ta' Ġunju, 2002;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.